# Il-Ħadd 30.06.2019

1. Illum 30/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mill-10:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* ċċelebrata mill-Kan. Ġorġ Spiteri, Viċi tal-Parroċċa ta' Santa Katarina V.M. taż-Żejtun;
   - Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-Zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għaz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali fejn tingħata l-Barka Sagramentali.

2. It-Tlieta 2/07:-
   - Il-Kor 'Sine Macula' beda jiltaqa' regolarment fil-*Foyer* tal-Iskola Primarja, għar-*rehearsals* bi preparazzjoni għal diversi attivitajiet u ċelebrazzjonijiet, fosthom dawk marbuta mal-Festa ta' San Pawl. Il-provi jkunu nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Dawk li jixtiequ jimpenjaw ruħhom fil-kant huma mistiedna javviċinaw lil Mro Alexandra Borg (Email: alexe@maltanet.net) Ma nħallux is-Sajf ikun ta' sħana u telqa biss, imma naraw li jkun Sajf ta' ħeġġa, inizzjattiva, u tagħlim wkoll.

3. Il-Ġimgħa 5/07, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni u l-Barka Sagramentali.

4. Is-Sibt 6/07:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Mit-Tnejn 08/07 sal-Ġimgħa 12/07:
   - Fis-7:15pm - Ġimgħa ta' Tagħlim mill-membri tal-MUSEUM fil-bitħa tal-MUSEUM tas-Subien bit-tema: ***JIEN NEMMEN F'ALLA***. Ta' min naħtfu din l-opportunità ta' tagħlim nisrani għall-adulti.

6. Il-Ħamis 11/07:
   - Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:15am u nkunu lura għat-8:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Infakkar li qed jiftħu applikazzjonijiet għall-Korsijiet, u 10 Boroż ta' Studju ta' € 2,000-il waħda għal min japplika għall Masters, li qed jiġu offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dan biex diversi minnkom jitħarju jidħlu aktar fil-fond tal-għarfien ta' aspetti tal-fidi nisranija. Dettalji jinkisbu mill-websites u l-facebook pages rispettivi: (https://www.um.edu.mt/theology/prospective u www.maltapfi.org).
   - Beda jitqassam il-*'Flimkien'* tax-xahar ta' Lulju, flimkien mal-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom b'risq l-Festa. Waqt li nafda f'idejn il-ġenerożità tagħkom, infakkarkom li dawn tistgħu tgħadduhom lura billi timpustawhom fil-*letterbox* jew iġġibuhom intom stess fl-uffiċċju parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 310 bħala ġabra speċjali b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 10 bħala donazzjonijiet għall-fjuri ta' Korpus u l-Qalb ta' Ġesù. Grazzi.